# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Frar, 2002.**

**Kawza Numru: 11**

**Citaz. Nru. 1911/01GV**

**P. R. Company Limited**

**-vs-**

**Priceclub Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' hija l-proprjetarja tas-"*supermarket*" gja maghruf bl-isem "Carters" u llum bl-isem "Priceclub", f-Luqa Road, Paola, kif ukoll tal-"*car park*" adjacenti ghall-istess "*supermarket*";

Premess illi s-socjeta' attrici kriet il-proprjeta' hawn fuq deskritta ghaf-favur tas-socjeta' F & G Holdings Limited, in forza ta' kuntratt in atti n-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef tas-27 ta' Novembru, 1997 (Dokument A);

Premess illi in forza ta' kuntratt in atti n-Nutar Dottor Clyde La Rosa tat-28 ta' Marzu, 2000 (Dokument B), is-socjeta' F & G Holdings Limited cediet ghaf-favur tas-socejta' Priceclub Operators Limited cioe' s-socjeta' konvenuta d-drittijiet lokatizji taghha naxxenti mill-kuntratt l-iehor hawn fuq riferit, u s-socjeta' konvenuta kienet rikonoxxuta mis-socjeta' attrici;

Premess illi ai termini tal-kuntratt maghmul fis-27 ta’ Novembru, 1997, fuq riferit, il-kera relattiv jithallas kull sena bil-quddiem flimkien ma’ kambjala li tizgura l-hlas tal-kera ghas-sena sussegwenti, liema kambjala tigi garantita “*par aval*” mid-diretturi tas-socjeta’ nkwilina;

Premess illi ai termini wkoll tal-kuntratt riferit fil-kaz illi jibqa’ ma jsirx il-hlas tal-kambjala msemmija sa zmien tletin (30) gumata mid-data ii fiha tkun immaturat, issehh it-terminazzjoni tal-lokazzjoni “*ipso iure*” hekk kif is-socjeta’ nkwilina tkun notifikata b’ittra ufficjali;

Premess illi l-kambjala (Dokument C) li giet rilaxxjata ghall-ammont ta’ tnejn u disghin elf Liri Maltin fil-31 ta’ Ottubru, 2000, ghar-raguni hawn fuq spjegata, u mmaturata fl-1 ta’ Novembru, 2001, baqghet ma thallsitx fiz-zmien stabbilit kif fuq jinghad, u s-socjeta’ konvenuta giet interpellata ghalhekk b’ittra ufficjali tas-7 ta’ Dicembru, 2001 biex tivvaka l-propjeta’ lilha mikrija billi l-lokazzjoni ghandha titqies terminata “*ipso iure*”;

Premess illi l-imsemmija ittra ufficjali giet notifikata lis-socjeta’ konvenuta li pero’ baqghet inadempjenti (Dokument D);

Premess illi fil-fehma tas-socjeta’ attrici s-socjeta’ konvenuta m‘ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti ghat-talba taghha sabiex tigi vakata l-propjeta’ mikrija kif fuq spjegat, u ghalhekk il-kawza tista’ tigi deciza ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Taqta’ u tiddeciedi l-kawza ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Procedura Civili u cioe’ bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tiddikjara l-lokazzjoni bejn il-partijiet kontendenti tal-propjeta' hawn fuq deskritta bhala xolta ai termini tal-kuntratt in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef tas-27 ta' Novembru, 1997, kif fuq spjegat; u

3. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex tivvaka l-propjeta' hawn fuq deskritta u tikkonsenja c-cwievet tas-socjeta' attrici fi zmien qasir u perentorju ii jigi prefiss minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata s-7 ta' Dicembru, 2001, u bir-rizerva espressa ta' kull drift iehor ta' azzjoni spettanti lis-socjeta' attnci naxxenti mill-kuntratt ta' lokazzjoni tas-27 ta' Novembru, 1997, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci

Semghet ix-xhieda ta' Patrick Dalli.

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici

Ezaminat l-atti tal-kawza

Billi mill-provi mhuxx kontradetti it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata

Fil-kontumacja s-socjeta' konvenuta iddecida billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni u tipprefiggi terminu ta' xahar millum biex is-socjeta' konvenuta tivvaka l-propjeta' msemijja fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**
1.